Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

16 ta' Novembru 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Affiljazzjoni obbligatorja mal-iskema ta' sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea rtirat li jeżerċita attività professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha – Issuġġettar għall-kontribuzzjonijiet soċjali mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih titwettaq din l-attività"

Fil-Kawża C-415/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Ġunju 2022, fil-proċedura

**JD**

vs

**Acerta – Caisse d'assurances sociales ASBL,**

**Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants (Inasti),**

**État belge,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn F. Biltgen (Relatur) President tal-Awla, N. Wahl, u M. L. Arastey Sahún, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal JD, minn J. Buekenhoudt, avocat,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, C. Pochet u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn S. Rodrigues u A. Tymen, avocats,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn R. Bénard u A. Daniel, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. S. Bohr u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipju tal-uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, bħal dak espress fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 307/1999 tat-8 ta' Frar 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 335) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1408/71"), imbagħad bir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn JD, uffiċjal irtirat tal-Kummissjoni Ewropea minn naħa u Acerta – Caisse d'assurances sociales ASBL, l-Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants (Inasti) u l-Istat Belġjan min-naħa l-oħra dwar l-issuġġettar obbligatorju ta' JD għall-iskema ta' sigurtà soċjali Belġjana għas-snin 2007 sa 2020.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Il-Protokoll*

3 L-Artikolu 12 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 266, iktar 'il quddiem il-"Protokoll"), huwa fformulat kif ġej:

"L-uffiċjali u impjegati oħra ta' l-Unjoni għandhom ikunu suġġetti għal taxxa għall-benefiċċju ta' l-Unjoni fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni, skond il-kondizzjonijiet u l-proċedura stabbilita mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jagixxu permezz ta' regolamenti skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet konċernati.

Ikunu eżenti minn taxxi nazzjonali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Unjoni."

4 L-Artikolu 14 tal-Protokoll jipprovdi:

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom jistabbilixxu l-iskema ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għall-impjegati l-oħra ta' l-Unjoni."

*Ir-Regolamenti tal-Persunal*

5 L-Artikolu 72(1), (1a), (2) u (2a) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"1. Uffiċjal [...] [huwa] assigurat[...] kontra l-mard sa 80 % ta' l-ispejjeż imħallsa, suġġetti għar-regoli mħejjija mill-ftehim bejn l-istituzzjonijiet [tal-Unjoni] wara li jkun ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal. [...]

[...]

1a. Uffiċjali li jispiċċa s-servizz tiegħu u li jiprovdi evidenza li mhux f'impjieg bil-qligħ, jista' mhux aktar minn xahar wara dak li fih jispiċċa s-servizz tiegħu japplika biex, għal massimu ta' sitt xhur wara li jispiċċa s-servizz, ikompli jkun assigurat kif provdut fil-paragrafu 1. Il-kontribuzzjoni imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tinħadem b'riferenza għall-aħħar salarju bażiku li rċieva l-uffiċjal, nofs il-kontribuzzjoni tkun fuqu.

[...]

2. Uffiċjal li baqa' fis-servizz tal-Unjoni sa l-età pensjonabbli jew li jirċievi benefiċċju ta' l-invalidità, għandu jkun intitolat għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1 wara li jitlaq mis-servizz. L-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jinħadem b'riferenza għall-ammont tal-pensjoni jew tal-benefiċċju.

[...]

2a. Li ġej għandhom l-istess ikunu intitolati għall-benefiċċji pprovduti fil-paragrafu 1, bil-kondizzjoni li m'għandhomx impieg bil-qligħ:

(i) dawk li qabel kienu uffiċjali intitolati għall-pensjonijiet ta' l-irtirar, [...]

ii) persuni intitolati għall-pensjoni ta' l-għajxien, bħala riżultat tal-mewt ta' wieħed li qabel kien uffiċjal, li telaq mis-servizz tal-Unjoni qabel jilħqu l-età pensjonabbli.

[...]"

*Ir-Regoli Komuni*

6 Għall-finijiet tad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni adottaw regoli komuni dwar il-kopertura ta' riskji ta' mard għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regoli Komuni").

7 L-Artikolu 1 tar-Regoli Komuni jipprovdi li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, għandha tiġi stabbilita skema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni (RCAM).

8 L-Artikolu 2 tar-Regoli Komuni jipprovdi:

"1. Huma affiljati [f'din l-iskema]:

– Uffiċjali

– Staff temporanju [membri tal-persunal temporanju];

[...]

3. Huma affiljati [f'din l-iskema]:

– L-ex uffiċjali, il-membri tal-persunal temporanju, il-benefiċjarji ta' pensjoni tal-irtirar,

– l-ex membri tal-persunal bil-kuntratt li jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar bil-kundizzjoni li kienu impjegati għal iktar minn tliet snin bħala membru tal-persunal bil-kuntratt,

– il-benefiċjarji ta' pensjoni tal-invalidità jew ta' benefiċċju tal-invalidità,

[...]"

9 L-Artikolu 4 tar-Regoli Komuni huwa fformulat kif ġej:

"Meta uffiċjal, membru tal-persunal temporanju jew membru tal-persunal bil-kuntratt huwa assenjat f'pajjiż fejn, skont il-leġislazzjoni tiegħu, huwa suġġett għal skema obbligatorja ta' assigurazzjoni kontra r-riskju ta' mard, il-kontribuzzjonijiet dovuti f'dan ir-rigward għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-baġit tal-istituzzjoni li magħha l-persuna kkonċernata hija affiljata. F'dan il-każ, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 22."

10 L-Artikolu 22 tar-RCAM jipprovdi:

"1. Meta affiljat jew persuna assigurata b'mod privat jistgħu jitolbu rimborsi ta' spejjeż taħt assigurazzjoni għall-mard legali jew regolatorja oħra, l-affiljat għandu:

a) jiddikkjara dan lill-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet;

(b) jitlob jew, fejn xieraq, jitlob bi prijorità r-rimborż garantit mill-iskema l-oħra.

Madankollu, jekk ikun hemm obbligu ta' kontribuzzjoni taħt żewġ skemi, il-membri ta' din l-iskema jistgħu jagħżlu l-iskema li għaliha huma jindirizzaw għall-ħlas lura tal-benefiċċji li jkunu rċevew, peress li l-iskema komuni tintervjeni taħt skema supplimentari f'każijiet fejn hija ma tintervjenix bħala skema primarja;

c) li jehmeż ma' kull talba għal rimbors ippreżentata taħt din l-iskema rendikont oriġinali u ddettaljat, flimkien ma' dokumenti ta' sostenn, tar-rimborsi li l-affiljat jew il-persuna assigurata tal-kap tagħha jkunu kisbu taħt l-iskema l-oħra.

2. L-iskema komuni tintervjeni bħala skema supplimentari fir-rimbors tal-benefiċċji sakemm l-iskema l-oħra tkun ingħatat bil-quddiem għall-benefiċċji koperti minnha.

Jekk benefiċċju ma jkunx kopert mill-iskema primarja iżda jkun kopert mill-iskema komuni, dan tal-aħħar iseħħ primarjament.”

*Ir-Regolamenti Nru 1408/71 u 883/2004*

11 Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1408/71 “għandu japplika għall-persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom u għall-istudenti li huma jew kienu soġġetti għal-liġijiet ta’ Stat Membru jew aktar u li huma persuni ta’ nazzjonalità ta’ wieħed mill-Istati Membri jew li huma persuni bla stat jew refuġjati li jgħixu ġewwa t-territorju ta’ wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll il-membri tal-familji tagħhom jew is-sopravissuti tagħhom”.

12 L-Artikolu 13(1) ta’ dan ir-regolament jipprovdi li “persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament jkunu suġġetti għal-leġislazzjoni ta’ Stat Membru singolu biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu”.

13 Ir-Regolament Nru 1408/71 tħassar mill-1 ta’ Mejju 2010, data ta’ applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004.

14 Madankollu, il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1), u tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 hija, essenzjalment, identika għal dik, rispettivament, tal-Artikolu 2(1), u tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

***Id-dritt Belġjan***

15 L-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali Nru 38 tas-27 ta’ Lulju 1967 li jorganizza l-istatut soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom (*Moniteur belge* tad-29 ta’ Lulju 1967, p. 8071), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar ’il quddiem id-“Digriet Irjali Nru 38/1967”, jipprovdi:

“Dan id-digriet jorganizza l-istatus soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għal assistenti.

Dan l-istatus soċjali għandu jestendi:

[…]

2. għall-benefiċċji tal-irtirar u tas-superstiti;

[…]”

16 L-Artikolu 2 ta’ dan id-digriet jipprovdi:

“Huma suġġetti għal dan id-digriet u għandhom, għal dan l-għan, iwettqu l-obbligi li huwa jimponi: persuni li jaħdmu għal rashom u assistenti.”

17 L-Artikolu 3(1) tal-imsemmi digriet jistipula:

"Skont dan id-digriet persuna li taħdem għal rasha hija kull persuna fiżika, li terżerċita fil-Belġju attività professjonali li għaliha ma hijiex marbuta b'kuntratt ta' kiri ta' xogħol jew b'regoli tal-persunal.

Hija preżunta, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li tinsab fil-kundizzjonijiet ta' ssuġġettar imsemmija fil-paragrafu preċedenti, kull persuna li teżerċita fil-Belġju attività professjonali li tista' tipproduċi dħul [...]"

18 Skont l-Artikolu 13(1) tad-Digriet Irjali Nru 38/1967:

"Mit-trimestru li matulu tilħaq l-età legali tal-pensjoni jew tikseb il-ħlas effettiv ta' pensjoni ta' rtirar antiċipata bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu jew bħala ħaddiem impjegat, il-persuna taxxabbli ma għandha tħallas ebda kontribuzzjoni jekk dan id-dħul professjonali tagħha bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu, miksub matul is-sena ta' kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2) ma jilħaqx EUR 811.20 fix-xahar.

Meta l-imsemmi dħul jilħaq tal-inqas EUR 811.20, il-persuna taxxabbli hija responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet annwali segwenti [...]".

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 JD, imwieled fl-4 ta' Ottubru 1940, ta' nazzjonalità Brittanika, kien uffiċjal fis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea, fi Brussell (il-Belġju), sal-1 ta' Marzu 2006, data li fiha huwa rtira.

20 Wara din id-data, huwa eżerċita b'mod partikolari attivitajiet ta' konsulent bħala persuna li taħdem għal rasha.

21 Minħabba dawn l-attivitajiet, l-Inasti ssuġġettatu, b'mod obbligatorju u b'effett mit-12 ta' Frar 2007, abbażi tal-Artikolu 13 tad-Digriet Irjali Nru 38/1967, għall-istatus soċjali tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom.

22 Wara skambji ta' ittri mingħajr suċċess mal-Acerta, JD ippreżenta, fil-15 ta' Jannar 2021, rikors quddiem it-tribunal du travail francophone de Bruxelles (il-Qorti Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju), il-qorti tar-rinviju, sabiex jikseb b'mod partikolari r-rimbors tal-kontribuzzjonijiet li huwa jqis li tħallsu indebitament għal ammont totali ta' EUR 50 732.50. Minn naħa, huwa jsostni li l-prinċipju tal-uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali jipprojbixxi l-affiljazzjoni obbligatorja tiegħu mal-iskema tas-sigurtà soċjali Belġjana. Min-naħa l-oħra, sa fejn huwa ma jibbenefika minn ebda benefiċċju soċjali bħala korrispettiv għal din l-affiljazzjoni, huwa ilu jikkontribwixxi għal fondi mitlufa sa mis-sena 2007.

23 Il-konvenuti fil-kawża prinċipali jwieġbu, essenzjalment, li, jekk uffiċjal tal-Unjoni rtirat, li jeżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha fil-Belġju, ma jkun suġġett għal ebda kontribuzzjoni soċjali għall-iskema ta' sigurtà soċjali Belġjana, l-ugwaljanza fit-trattament bejn l-uffiċjali tal-Unjoni u kull ħaddiem ieħor, li jaħdem għal rasu jew impjegat li jeżerċita attività fil-Belġju jinkiser, u dan, minkejja li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-kontribuzzjonijiet soċjali jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet "ta' solidarjetà".

24 Barra minn hekk, huma jirrilevaw li s-sitwazzjoni tal-uffiċjali fil-qasam tas-sigurtà soċjali taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni minħabba r-rabta ta' impjieg tagħhom magħha, b'tali mod li l-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali japplika biss meta tkun

ikkonċernata rabta ta' impjieg mal-Unjoni. Issa, peress li, f'dan il-każ, tali rabta ta' impjieg mal-Unjoni ilha nieqsa mis-sena 2007, għandha tiġi applikata, konformement mal-Artikolu 11(3)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, il-leġiżlazzjoni tal-post tal-eżerċizzju tal-attività kkonċernata, jiġifieri d-dritt Belġjan.

25 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-kunċett ta' "affiljat" mar-RCAM għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' u għandu jkopri, tal-inqas, l-uffiċjali li baqgħu fis-servizz tal-Unjoni sal-età tal-irtirar.

26 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni Ewropea bbażat fuq l-uniċità tal-iskema ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-ħaddiema, impjegati jew dawk li jaħdmu għal rashom, attivi jew irtirati, jipprekludi jew le lill-Istat Membru ta' residenza milli jimponi, bħal f'dan il-każ, l-issuġġettar ta' uffiċjal irtirat tal-[Kummissjoni], li jeżerċita attività indipendenti, għall-iskema ta' sigurtà soċjali tal-Istat Membru ta' residenza u l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet soċjali purament abbażi ta' "solidarjetà", filwaqt li dan l-uffiċjal irtirat huwa suġġett għall-iskema obbligatorja ta' sigurtà soċjali tal-Unjoni u ma jieħu ebda benefiċċju, la f'termini ta' benefiċċji kontributorji, u lanqas f'termini ta' benefiċċji mhux kontributorji, mill-iskema nazzjonali li għaliha huwa suġġett b'mod obbligatorju?"

## Fuq id-domanda preliminari

27 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja li l-qorti tar-rinviju, fid-domanda tagħha, irreferiet biss għall-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, dan ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk din il-qorti tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża li għandha quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Crespo Rey, C-2/17, EU:C:2018:511, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Għalhekk, id-domanda magħmula għandha tinftiehem fis-sens li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 14 tal-Protokoll u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-issuġġettar obbligatorju, mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' dan l-Istat ta' uffiċjal tal-Unjoni li baqa' fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Unjoni sal-età tal-irtirar u li jeżerċita attività professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju tal-uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, kif espress fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71 u riprodott fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 883/2004, dawn ir-regolamenti implimentaw sistema ta' koordinazzjoni li tirrigwarda b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni jew tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom li jużaw, f'ċirkustanzi differenti, id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. In-natura kompleta ta' din

is-sistema ta' regoli ta' kunflitt għandha bħala effett li tneħħi s-setgħa tal-leġiżlatur ta' kull Stat Membru li jiddetermina liberament il-portata u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' persuni suġġetti għaliha u fir-rigward tat-territorju li fih id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipproduċu l-effetti tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punti 34 sa 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-15 ta' Settembru 2022, Rechtsanwaltskammer Wien, C-58/21, EU:C:2022:691, punti 43 u 49).

30 Għalhekk, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 884/2004 jipprovdu espressament li l-persuni li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss, fatt li għalhekk jeskludi, bħala prinċipju, kull possibbiltà ta' kumulu ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali għall-istess perijodu.

31 Issa, il-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali stabbilit fir-Regolament Nru 1408/71 u fir-Regolament Nru 883/2004 ma huwiex applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni, li ma humiex suġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà soċjali, kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 883/2004, li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-imsemmija regolamenti. L-uffiċjali tal-Unjoni għalhekk ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema", fis-sens tal-istess regolamenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fil-fatt, l-Unjoni biss hija l-unika kompetenti, bl-esklużjoni tal-Istati Membri, sabiex tiddetermina r-regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-obbligi tagħhom fil-qasam ta' sigurtà soċjali (sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punt 44).

33 Is-sistema ta' sigurtà soċjali komuni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni ġiet stabbilita, skont l-Artikolu 14 tal-Protokoll, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill permezz tar-Regolament li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punt 36).

34 Fil-fatt, minn naħa, dan l-Artikolu 14 tal-Protokoll għandu jitqies li jimplika t-tneħħija mill-kompetenza tal-Istati Membri tal-obbligu ta' affiljazzjoni tal-uffiċjali tal-Unjoni ma' skema nazzjonali ta' sigurtà soċjali u mill-obbligu, għal dawn l-uffiċjali, li jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' tali skema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punti 40 u 41).

35 Min-naħa l-oħra, ir-Regolamenti tal-Persunal, li għandhom il-karatteristiċi kollha stabbiliti fl-Artikolu 288 TFUE, huma vinkolanti fl-elementi kollha tagħhom u huma direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tagħhom hija imposta wkoll fuq l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punt 42) kif ukoll tal-4 ta' Frar 2021, Ministre de la Transition écologique et solidaire u Ministre de l'Action et des Comptes publics (C-903/19, EU:C:2021:95, punt 36).

36 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 72(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, kull uffiċjal u membru tal-persunal temporanju fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Unjoni huwa kopert kontra r-riskji ta' mard.

37 Skont l-Artikolu 72(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjal li baqa' fis-servizz tal-Unjoni sal-età tal-irtirar jew li huwa intitolat għal allowance tal-invalidità jibbenefika mill-istess kopertura, fejn il-kontribuzzjoni tiġi kkalkolata abbażi tal-pensjoni jew tal-allowance.

38 L-Artikolu 72(2)(a) tar-Regolamenti tal-Persunal jippreċiża li l-uffiċjal li jirċievi pensjoni tal-irtirar li jkun telaq mis-servizz qabel l-età tal-irtirar jibqa' kopert ukoll bil-kundizzjoni, madankollu, li ma jeżerċitax attività professjonali bi qligħ.

39 Bl-istess mod, mill-Artikolu 72(1)(a) tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li l-uffiċjal li jieqaf definittivament mill-funzjonijiet tiegħu u li ma jeżerċitax attività professjonali lukrattiva jista' jitlob li jkompli jibbenefika matul perijodu ta' sitt xhur mill-kopertura kontra r-riskju ta' mard.

40 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-uffiċjal li r-rabta tal-impjieg tiegħu mal-Unjoni kompliet sal-età tal-irtirar jibqa' jaqa' taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali tal-Unjoni, għall-kuntrarju tal-uffiċjal li telaq mill-istituzzjonijiet qabel ma laħaq l-età tal-irtirar sabiex jibda attività professjonali bi qligħ fi Stat Membru. Dan tal-aħħar ma jibqax jaqa' taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali hija ddeterminata fir-rigward tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 883/2004.

41 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li r-rikorrent fil-kawża prinċipali ħadem fis-servizz tal-Kummissjoni sal-età tal-irtirar, b'tali mod li, skont l-Artikolu 72(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa baqa' affiljat mar-RCAM minkejja l-fatt li huwa eżerċita, ladarba rtira, attività professjonali bi qligħ fi Stat Membru.

42 Issa, leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' dan l-istess Stat uffiċjal tal-Unjoni li baqa' fis-servizz ta' istituzzjoni sal-età tal-irtirar u li jeżerċita attività professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha f'dan l-imsemmi Stat Membru tikser il-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni, kemm mill-Artikolu 14 tal-Protokoll kif ukoll mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex tiddetermina r-regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

43 Fil-fatt, għalkemm l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sabiex jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom, huma għandhom madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, josservaw id-dritt tal-Unjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll u tar-Regolamenti tal-Persunal li jirrigwardaw ir-regoli fil-qasam tas-sigurtà soċjali li jirregolaw is-sitwazzjoni legali tal-uffiċjali tal-Unjoni, kemm matul l-attività tagħhom fis-servizz ta' istituzzjoni kif ukoll wara l-età tal-irtirar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2017, de Lobkowicz, C-690/15, EU:C:2017:355, punti 34, 38 u 39, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Din l-interpretazzjoni ma hija kkontestata minn ebda wieħed mill-argumenti invokati minn JD jew mill-partijiet ikkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

45 Qabelxejn, l-argument li l-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, kif ippreċiżat mis-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter (C-623/13, EU:C:2015:123), huwa marbut mal-kundizzjoni tal-eżistenza ta' rabta ta' impjieg mal-Unjoni jista' jiġi miċħud sa fejn mill-punti 37 sa 40 ta' din is-sentenza jirriżulta li huwa preċiżament minħabba r-rabta ta' impjieg ma' istituzzjoni tal-Unjoni sal-età tal-irtirar li l-uffiċjal ikompli jaqa', skont l-Artikolu 72(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, taħt r-RCAM.

46 Sussegwentement, il-fatt li l-uffiċjali tal-Unjoni, attivi jew irtirati, jaqgħu taħt ir-RCAM ma jistax jikkostitwixxi sitwazzjoni diskriminatorja meta mqabbla mal-ħaddiema l-oħra tal-Istat Membru kkunsidrat, li fir-rigward tagħhom ir-Regolament Nru 883/2004 jiddetermina l-leġiżlazzjoni applikabbli bħala dik tal-Istat Membru li fih il-persuna kkonċernata teżerċita l-attività professjonali tagħha. Anki jekk jitqies li d-dritt tal-Unjoni jista' jkollu l-konsegwenza li jqiegħed lill-uffiċjal tal-Unjoni f'sitwazzjoni allegatament iktar vantaġġuża, tali sitwazzjoni ma hijiex, madankollu, diskriminatorja fir-rigward tal-ħaddiema residenti, sa fejn l-uffiċjali tal-Unjoni ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tal-imsemmija ħaddiema.

47 Fir-rigward taċ-ċirkustanza li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tikklassifika bħala "sempliċi solidarjetà" il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet, minn naħa, li l-fatt li imposta tkun ikklassifikata b'mod partikolari bħala "taxxa" minn leġiżlazzjoni nazzjonali ma jeskludix li din l-istess imposta tista' titqies li hija koperta mir-regola ta' nuqqas ta' kumulu tal-leġiżlazzjonijiet soċjali applikabbli, peress li din hija kontribuzzjoni soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Hoogstad, (C-269/15, EU:C:2016:802, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, l-eżistenza jew l-assenza ta' korrispettiv f'termini ta' benefiċċji hija irrilevanti fil-kuntest tal-kwistjoni dwar jekk l-imposta inkwistjoni taqax taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali (sentenza tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 26).

48 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li teżisti distinzjoni ċara bejn l-obbligi fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-uffiċjali tal-Unjoni, kemm jekk attivi kif ukoll jekk huma rtirati, u l-obbligi fiskali ta' dawn l-uffiċjali, li jibbenefikaw biss, skont l-Artikolu 12 tal-Protokoll, minn eżenzjoni mit-taxxi nazzjonali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Unjoni. Għalkemm dawn is-salarji, pagi u emolumenti huma suġġetti esklużivament, fir-rigward tal-impożizzjoni eventwali tagħhom, għad-dritt tal-Unjoni, id-dħul l-ieħor tal-uffiċjali jibqa' suġġett għat-taxxa tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Pazdziej (C-349/14, EU:C:2015:338, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 14 tal-Protokoll u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-issuġġettar obbligatorju, mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, għall-iskema ta' sigurtà soċjali ta' dan l-Istat ta' uffiċjal tal-Unjoni li baqa' fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Unjoni sal-età tal-irtirar u li jeżerċita attività professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

**Fuq l-ispejjeż**

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 14 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 72 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-issuġġettar obbligatorju, mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, għall-iskema ta' sigurtà soċjali**

**ta' dan l-Istat ta' uffiċjal tal-Unjoni Ewropea li baqa' fis-servizz ta' istituzzjoni tal-Unjoni sal-età tal-irtirar u li jeżerċita attività professjonali bħala persuna li taħdem għal rasha fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.**

Firem